

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/431

tal-10 ta' Marzu 2015

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-audituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, firrigward tal-audituri esterni tal-Lietuvos bankas

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1. tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2014/58 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2014 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-audituri esterni tal-Lietuvos bankas ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu awditati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/509/UE ⁽²⁾, il-Litwanja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro, u d-deroga favur il-Litwanja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 ⁽³⁾ hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.
- (3) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li UAB PricewaterhouseCoopers jinħatru bħala l-audituri esterni tal-Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2015 sa 2017.
- (4) Huwa adatt li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tiġi emendata ⁽⁴⁾ skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE:

"19. UAB PricewaterhouseCoopers huma b'dan approvati bħala l-audituri esterni tal-Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2015 sa 2017".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 465, 24.12.2014, p. 1.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/509/UE tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-adozzjoni tal-euro mil-Litwanja fl-1 ta' Jannar 2015 (ĠU L 228, 31.7.2014, p. 29).

⁽³⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-audituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

J. REIRS